MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 461/2004

**Evan u Miriam konjugi Cumbo esercitanti l-kummerc f'isem Mireva Bookshop**

**Vs**

**Forester Imports Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm27.25c (sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti l-prezz ta' kotba mibjugha lis-socjeta' konvenuta, u ghal liema ammont l-istess socjeta' konvenuta kienet harget cekk a favur l-atturi, liema cekk ma giex onorat mill-Bank.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Carlo Bisazza li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm27.25c (sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------